

31972L0430

L 291/162

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

19.12.1972

## ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Diċembru 1972

**temenda d-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE ta' l-24 ta' April 1972 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward l-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar ta' l-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà**

(72/430/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' Stati Membri ġodda fil-Komunità Ekonomika Ewropea u mal-Komunità Atomika Ewropea <sup>(1)</sup>, iffirmit fi Brussel, nhar it-22 ta' Jannar 1972, u partikolarment l-Artikolu 153 ta' l-Att anness miegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi wara t-tkabbir tal-Komunità n-numru ta' *bureaux* nazzjonali kkunsidrati fid-Direttiva tal-Kunsill 72/166 <sup>(2)</sup> ta' l-24 ta' April 1972 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur, u l-infurzar ta' l-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà żdiedu minn sitta għal disgħa, u jeħtieġ aġġustament għal dik id-Direttiva;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

Id-Direttiva tal-Kunsill 72/166 għandha tkun emendata kif ġej:  
Dan li ġej għandu jkun issostitwit għall-kliem ta' l-Artikolu 2, <sup>(2)</sup>

l-ewwel inċiż: "Wara li ftehim ikun ġie konkluż bejn id-disa' *bureaux* nazzjonali ta' assiguratari permezz tal-kondizzjonijiet li dwarhom kull *bureau* nazzjonali jggarantixxi t-tweqq, bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' liġi nazzjonali dwar l-assigurazzjoni obligatorja, ta' talbiet fir-rigward ta' inċidenti li jseħħu fit-territorju tiegħu, ikkaġunati minn vetturi normalment ibbażati fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, kemm jekk dawk il-vetturi jkunux assigurati jew le".

*L-Artikolu 2*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ ma' l-Adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda mal-Komunitajiet Ewropej.

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 1972.

*Għall-Kunsill**Il-President*

T. WESTERTERP

<sup>(1)</sup> ĠU L 73, tas-27.3.1972, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 103, tat-2.5.1972, p. 1.